XEWKIJA

# Kunsill Lokali Ix-Xewkija

# IL-'BUSINESS PLAN'

# 2016 - 2018

## WERREJ


| | |
|---|---|
| **Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni** | **2** |
| **Il-'Mission Statement' u l-Valuri** | **6** |
| **Għanijiet, Riżultati Mistennija u Strateġiji** | **7** |
| **Analiżi tal-Ħidma tal-Kunsill** | **10** |
| **Previżjonijiet tal-Finanzi** | **11** |

## 1.0 Introduzzjoni u Analiżi tas-Sitwazzjoni

Dan ir-rapport ser ikopri x-xogħlijiet u attivitajiet li saru mill-Kunsill Lokali tax-Xewkija matul is-sena 2015.

Il-Kunsill Lokali Xewkija huwa organizzat b'tali mod li jkun jista' jiffunzjona tajjeb sabiex jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti ta' dan ir-raħal. Għalkemm il-poplu dejjem jistenna aktar milli aħna nistgħu nagħtu, ninsabu sodisfatti li bl-isforzi tagħna l-Kunsill wettaq diversi xogħlijiet ta' ġid għar-raħal tagħna.

Issa se nagħtu ħarsa lura biex naraw x'wettaq il-Kunsill matul l-aħħar sena. Wettaqna diversi xogħlijiet utli għar-raħal tagħna. Nibdew billi nsemmu x-xogħol li jsir permezz tal-Kuntratti. Ix-xogħol isir minn diversi Dipartimenti tal-Gvern, Koperattivi u kuntratturi privati.

Mad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika l-Kunsill għandu l-kuntratt għat-Tindif tal-Latrini Pubbliċi. It-tindif tat-toroq mhux urbana qed issir mill-ħaddiema tal-Kunsill tal-iskema ex WSC u tal-iskema tal-ETC. Il-Ġbir ta' Skart Goff qed isir mid-Dipartiment tal-Indafa Pubblika ukoll. Il-Kunsill jara biex fejn jista' jtejjeb dawn is-servizzi speċjalment fit-tindif tat-toroq mhux urbani. Fl-istess toroq il-Kunsill għamel ukoll xogħol ta' livellar ta' toroq bit-torba.

Il-Kuntratt għal Tindif tat-Toroq Urbani huwa responsabbli minnu l-kuntrattur Xewkija Tigers FC. Il-Kunsill dejjem jistinka biex jara aktar indafa fir-raħal u għalhekk dejjem jieħu l-passi meħtieġa biex jara li l-Kuntrattur jagħmel dak ix-xogħol li jkun hemm bżonn. Il-Kunsill ricenti qed jaghmel uzu ukoll ta' street sweeper machine bl-ghajnuna tad-Dipartiment tal-Indafa Pubblika.

Il-Ġbir tal-Iskart Domestiku jsir mill-Koperattiva Għall-Indafa Pubblika (Għawdex). Kull nhar ta' Tlieta, issir il-ġbir ta' skart riċiklat. Bi ftehim li għandna mal-kumpanija Greenpak l-istess kumpanija qed tbattal u tnaddaf il-Bring in Sites li għandna fi Triq Widnet il-Baħar, Triq Ħġejjeġ, Triq Ta' Ġokk u fi Pjazza tal-Barmil. Hawn nixtieq insemmi li dwar il-Bring in Sites ta' Triq Widnet il-Baħat kelna diversi ilment ġustifikati peress li persuni irresponsabbli qed jabbużaw u jarmu skart mhux riċiklabbli madwar l-istess Bring in Sites. Il-Kunsill qed jikkonsidra li jieħu passi u jneħħi dawn il-BIS jekk din is-sitwazzjoni tibqa' għaddejja. Bil-koperazzjoni ta' Greenpak u l-ghaqdiet tax-Xewkija inqassmu boroż ħodor (tal-Greenpak) lir-residenti kollha tax-Xewkija biex dawn jibdew jitfgħu l-iskart riċiklabbli fihom. Insemmi ukoll li kull l-ewwel Ħamis tax-xahar qed niġbru l-ħġieġ riċiklabbli.

Il-Kunsill jieħu ħsieb biex jagħmel tabelli tat-traffiku ġodda jew ibiddel dawk li jkunu fi stat ħażin. Il-marki tat-traffiku fit-toroq huma wkoll fir-responsabilta' tal-Kunsill.

Il-Kunsill huwa responsabbli ukoll minn Ġnien il-Kunsill, Ġnien il-Ħaddiem, Ġnien Castelvenere, il-'Playing Field' ta' Triq Tal-Ħamrija, 'round abouts/soft areas' u Ġnejnet it-Tfal. Ix-xogħlijiet f'dawn il-ġonna qed isiru mill-ħaddiema li ġew assenjati mal-Kunsill taħt l-iskema tal-ex WSC kif ukoll tal-iskema tal-ETC. L-istess ħaddiema jagħmlu xogħol ieħor li jkun hemm bżonn li jsir bħal per eżempju l-'patching' tat-toroq. Għalkemm il-Kunsill mhux kuntent bil-'patching' tat-toroq u jixtieq li jinksew aktar toroq bit-tarmak, kulħadd jifhem li ma tistax ma tippeċċjax il-ħsara li ssir fit-toroq speċjalment fix-xhur tax-xitwa għax inkella t-toroq jispiċċaw fi stat ħażin.

Fis-snin li għaddew saru diversi toroq taħt l-iskema tal-PPP fejn fl-ewwel batch saru it-toroq:- Triq Keraba, Trejqet Keraba, Triq San Duminku, Triq is-Salib Imqaddes u Triq Sant Indrija. Fit-Tieni batch saru Triq Arcipriet Grech, Triq Indri Borg u Triq l-Għarus, Triq San Elija u Triq Jean de la Vallette. Nistgħu ngħidu li dawn it-toroq issa huma lesti u l-ispejjeż involuti ġew imħalsa kollha. Inbdew ukoll toroq oħra li huma Triq San Bert, Triq Zakkerija, Triq Torri Tingi u Triq San Indrija u Triq Gruwa. Dawn qed jsiru minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex, l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) u l-Kunsill Lokali tax-Xewkija. Ta min issemmi ukoll li fi Triq San Bert u f'parti minn Triq it-Torri Tingi saru storm water culvert biex tissolva l-problema tal-ilma tax-xita fl-istess toroq.

Il-Kunsill kompla nstalla diversi lampi ġodda madwar ir-raħal. Il-Kunsill jirċievi diversi talbiet biex jiġu nstallati lampi ġodda f'żoni fejn għadhom mudlama. Peress li d-dwal tat-toroq ġew devoluti lill-Kunsilli, il-Kunsill irid jipproċessa u jħallas biex jeħlu dawn il-lampi l-ġodda. Pero ta' min jgħid li lampi ġodda f'toroq arterjali huma responsabbli minnhom il-Ministeru Għal Għawdex u t-Transport Malta. Il-Kunsill huwa responsabbli wkoll mill-manutenzjoni tal-bozoz li hawn madwar ir-raħal tagħna. Il-Kuntrattur li jagħmel dan ix-xogħol huwa Richard Cauchi. Il-bozoz li huma mwaħlin ma' arblu jew li jinsabu f'xi triq arterjali għadhom taħt ir-responsabilta tal-Gvern Ċentrali u għalhekk il-manutenzjoni ta' dawn il-bozoz issir mill-Korporazzjoni Enemalta. Tajjeb li ninfurmakom li lejn l-aħħar ta' din is-sena l-lampi qed jinbidlu għas-sistema LED mir-Reġjun ta' Għawdex. Il-lampi se jgħaddu kollha taħt ir-responsabilta tar-Reġjun ta' Għawdex. Iżda meta tkun trid issir manutenzjoni xorta irid isir rapport għand il-Kunsill li minn naħa tiegħu jgħaddi l-ilment lill-kuntrattur konċernat. Il-Kunsill diġa irċieva diversi ilmenti dwar is-sistema ta' dwal ġodda u qed jaħdem flimkien mar-Reġjun Għawdex sabiex dawn jiġu solvuti wkoll.

Bl-għajnuna tal-Kumitat ta' Azzjoni dwar il-Proġett ta' Park Reġjonali fil-Wied ta' Mgarr ix-Xini ghadu ghaddej diskussjonijiet biex jitkompla l-progett, fl-istess Wied ta' Mgarr ix-Xini.

Il-Kunsill kompla b'ħidma kontinwa mal-Perit u entitajiet koncernati biex jinħargu l-permessi neccessarji għal-Progetti taħt il-Mizura 313 u l-Fondi ta' l-Eco Gozo. Dawn l-

imsemmija progetti taħt il-M313 tlestew fejn sar restawr tal- interpretation centre, tindif tal-gnien, Latrina Pubblika u girna. Taħt il-fondi tal-Eco Gozo il-Kunsill għamel il-ħitan tas-sejjieh u ser jitkompla x-xogħol ta' signage u bankijiet u passagg madwar l-imsemmi gnien.

Tlesta ix-xogħol fuq il-Latrina Pubblika fi Pjazza San Gwann Battista bl-ghajnuna tal-Ministeru għal Għawdex. Il-Kunsill għamel ukoll il-lift għal din il-latrina.

Il-Kunsill qed joffri servizz ta' 'internet' b'xejn għar-residenti kollha tax-Xewkija minn tlett postijiet differenti: mill-uffiċċju tal-Kunsill, mil-Librerija Pubblika u anke mill-Pjazza San Ġwann Battista. Tajjeb li tkunu tafu wkoll li l-Librerija Pubblika qed tinżamm miftuħa għal aktar ħin u l-Kunsill qed iħallas għas-servizz tal-Librara. Il-Kunsill xtara ukoll b'€1,200 f'kotba ġodda għal-librerija.

Fil-pjazza kif ukoll madwar il-monument ta' San Ġwann Battista li għandna fi Triq Widnet il-Baħar ħadna ħsieb li kull staġun nħawlu fjuri ġodda u b'hekk nagħtu dehra isbaħ lil dawn il-postijiet. Barra li jixtri u jħawwel ix-xtieli l-Kunsill jieħu ħsieb it-tisqija li jkun hemm bżonn matul ix-xhur sħan tas-sajf.

Il-Kunsill jieħu ħsieb li jorganizza wkoll attivitajiet kulturali matul is-sena. Ta' kull sena l-Kunsill jorganizza diversi attivitajiet fosthom fi żmien il-Karnival, ħarġa għall-familja fl-okkażjoni ta'Jum L-Omm u serata mużikali Gaulitana a festival of Music. Din is-sena ġiet organizzata ġita għal Sqallija f'Settembru.

Il-Kunsill organizza diversi korsijiet matul is-Sajf 2015 fosthom Matematika, Story Telling, photograph, drama u Kinder 1 u Kinder 2.

Il-Ħames edizzjoni ta' Fiori D'Argenta 2015 kienet ta' success kbir. Din l-attivita fuq jumejn 13 u 14 ta' Gunju 2015 li kienet tikonsisti f'muzika, zfin, artigjanant, Storja, Spettaklu ta' dwal, Kultura, Tradizzjonijiet, Folklor, Drama, loghob ghat-tfal, Sahtek l-ewwel, l-akbar torta tal-bajtar ta' San Gwann, Hands on crafts ghat-tfal u ħafna aktar. Il-Kunsill għamel applikazzjoni taħt l-iskema tal-attivitajiet li ġiet aċċettata u permezz tagħha ingħata għajnuna ta' €3,500 mis-Segretarju Parlamentari ghal Kultura u Gvern Lokali, u l-Awtorita' tat-Turizmu ta' Malta li għenu sabiex intaffu ftit mill-ispejjeż meħtieġa sabiex isir il-Fiori d'Argenta. Fil-Kazin tal-Banda Prekursur kien hemm ukoll wirja ta San Gwann Battista. Kien hemm ukoll defile taz-żwiemel.

Il-Program Muzikali li jsir fil-festa tar-raħal mill-Banda Prekursur sar bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali.

Fl-okkażżjoni tal-festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras, il-Kunsill organizza l-ħuġġieġa ta' San Ġwann bis-sehem tal-Banda Prekursur. Din kienet it-tmien sena konsekuttiva li l-Kunsill organizza din l-attivita u b'hekk din it-tradizzjoni fix-Xewkija qed terġa' tingħata l-ħajja. Saret Fun Run fejn sar prezentazzjoni tal medalji lil dawk li ħadu sehem. Il-Kumitat tal-Armar organizzaw ikla tradizzjonali ukoll fil-Pjazza San Gwann Battista.

Ta' kull sena f'Novembru il-Kunsill qed ifakkar Jum ix-Xewkija billi nieħdu sehem fil-quddiesa u jsiru kompetizzjonijiet għall-istudenti tal-iskola primarja. Saru wkoll attivitajiet sportivi fosthom tournament tal-Football. Ġie organizzat ukoll il-programm mużikali mill-Banda Prekursur. Waqt l-istess attivita ngħata wkoll il-Premju Ġieħ ix-Xewkija li din is-sena ntrebaħ minn Giovan Buttigieg. Il-Premju Ħidmet iz-Zgħazagħ li soltu kien jingħata waqt l-attivita tal-Festa ta' San Ġwann Qtugħ ir-Ras, din is-sena ingħata waqt iċ-ċerimonja ta' Jum ix-Xewkija. Din kienet ir-raba' darba li qed jingħata dan il-premju u din is-sena ingħata lil Charlon Buttigieg. Fl-okkażjoni ta' Jum is-Xewkija tpoġġa l-ward fuq il- monument tal-gwerra dedikat għax-Xewkin li li tilfu ħajjiethom fil-gwerra.

Fi żmien il-Milied 2015 il-Kunsill organizza ħarga għall-anzjani li marru għall-ikla fejn anke tiġi organizzata t-tombla. Il-Kunsill ħa ħsieb biex għal darb'oħra jagħmel it-tiżjin tal-Milied fi Pjazza San Ġwann Battista. Din is-sena sar ukoll ġbir ta' flus għall-Malta Community Chest fund fejn kienet prezenti ukoll il-President ta' Malta Mary Louise Colerio. F'din l-attivita' ħadu sehem l-aljievi tal-Banda Prekursur kif ukoll studenti mill-Iskola Primarja tax-Xewkija flimkien mal-għalliema tagħhom.

Il-Kunsill organizza wkoll attivitajiet sportivi għal kull eta'. Sezzjonijiet sportivi li ġew organizzati matul is-sena 2015 'Schools on the move' li huma mmirati għat-tfal tal-iskola, General Fitness u Aerobics li dawn kienu immirati aktar għal dawk l-adulti li ma jipprattikawx xi sport ieħor. Dawn il-korsijiet setgħu jsiru bil-koperazzjoni tal-Ministeru għall-Intern, il-Kunsill Malti Għall-Isports (KMS) u tas-Segretarjat Parlamentari Għaż-Żgħażagħ u Sport.

Anzjani mir-raħal tagħna komplew jattendu d-Day Centre t'Għajnsielem. F'dan iċ-Ċentru isiru diversi attivitajiet interessanti għall-anzjani. Trasport għal dan iċ-Ċentru qed jiġi mħallas mill-Kunsill. Dan d-Day Centre qed jitħaddem wara li sar ftehim bejn il-Ministeru Għal Għawdex, il-Kurja u l-Kunsilli Lokali li jagħmlu użu mill-istess Ċentru. Hawn nixtieq insemmi il-ftuh taċ-Ċentru għall-Anzjani fir-raħal tagħna stess bil-koperazzjoni tas-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b' Diżabilità u Anzjanità Attiva u l-Banda Prekursur. Għalhekk issa l-anzjani tar-raħal tagħna qed jattendu dan iċ-ċentru li ferm viċin tagħhom. Il-Kunsill qiegħed f'diskussjonijiet sabiex jibqa' jorganizza trasport għall-anzjani biex jattendu dan iċ-ċentru fir-raħal tagħna stess.

Lejn l-aħħar ta' din is-sena s-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li hija kienet ser ittemm il-ħidma tagħha fostna. Pubblikament nixtieq nirringrazzja lis-Sinjura Sue-Ellen Bugeja għax-xogħol li għamlet kemm ilha taħdem f'dan il-Kunsill. Nawguralha kull suċċess għall-futur tagħha. Sintendi la darba inqalgħet il-vakanza ta' Segretarju Eżekuttiv il-Kunsill mill-ewwel beda jaħdem biex dan il-post jimtela' fl-iqsar żmien possibbli u b'hekk ix-xogħol tal-Kunsill ikun jista' jibqa' għaddej bla ħafna skossi. Għal perjodu temporanju inħatar is-Sur Ruben Cassar li ser ikun qed jaqdi l-kariga bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv. Għalhekk nieħu din l-okkażjoni sabiex nawguralu l-ħidma t-tajba fostna.

Nagħlaq billi nirringrazzja lill-sħabi l-Kunsilliera kollha tal-għajnuna u l-appoġġ kontinwu li jagħtuni matul is-sena u lill-ħaddiema kollha tal-Kunsill.

**Paul Azzopardi**
**Sindku**

## 2.1 Il-'Mission Statement'

Il-Membri kollha tal-Kunsill jaħdmu bis-sħiħ biex iżommu il-wegħda li għamlu sabiex jaħdmu għal Xewkija dejjem aħjar. Il-Kunsill jipprova kemm jista' biex isolvi l-problemi u mhux jisma' l-ilmenti biss. L-ilmenti li jaqgħu taħt ir-responsabilta ta' Dipartimenti jew Korporazzjonijiet tal-Gvern jiġu mgħoddija mill-ewwel lill-Awtorita' konċernata permezz tas-sistema tal-Customer Care.

## 2.2 Il-Valuri

Dawn huma il-valuri tal-Kunsill Lokali tax-Xewkija

- Effiċċjenza, trasparenza u amministrazzjoni effettiva
- Jinvolvi lill-abitanti fix-xogħlijiet li jkun qed iwettaq
- Iżomm lir-residenti nfurmati b'dak li jkun qed iwettaq il-Kunsill
- Idaħħal is-sens ta' patrijottiżmu fost l-abitanti

## 3.1 Għanijiet u riżultati matul l-aħħar tlett snin (2014/2016)

| Għanijiet | Riżultati |
| --- | --- |
| It-Toroq | Saru numru ta' toroq bit-tarmak iżda għad baqa' ħafna xi jsir. Il-Kunsill għandu bżonn aktar fondi biex ikun jista' jirranġa aktar toroq. Saru ukoll bankini f'diversi toroq. |
| Re Surfacing ta' Toroq | Triq Keraba, Trjqet Keraba, Triq San Duminku, Triq is-Salib Imqaddes, Triq Sant Indrija, Triq l-Arcipriet Grech, Triq Indri Borg, Triq l-Gharus, Triq Jean de La Vallette u Triq San Elija. Dawn it-toroq saru taht l-iskema Public Private Partnership tal-PPP. Inbidlu wkoll is-servizzi ta' l-ilma u fejn kien hemm bżonn inbidel ukoll il-'main'. Ingħata ukoll t-tarmak fi Triq il-Mitħna u diversi toroq oħra fosthom Triq San Bert u Triq Gruwa min naha tal-Ministeru għal Għawdex. |
| Recreational Areas | Il-gonna pubblici qed jinzammu fi stat tajjeb. Taht il-Mizura 313 u l-Kunsill lesta l-progetti fuq il-Gnien ta' Blankas. F'dan il-progett sar l-*interpretation centre* u t-tindif ġenerali fil-Gnien. Inbniet il- *Public convenience* u l-Girna taħt il-Mizura 313. Taħt il-fondi tal-Eco Gozo il-Kunsill għamel il-ħitan tas-sejjieh. |
| Upgrading | Wasal fl-istadju finali x-xoghol fuq il-latrina pubblika li hemm fi Pjazza San Ġwann Battista li issa hija accessibli għal persuni b'dizabilita. |
| Ambjent | Tkompla x-xoghol fuq il-proġett ta' Wied Mġarr ix-Xini - Mgarr ix-Xini Regional Park. Flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Sannat u l-Action Commiettee. |

## 3.2 Għanijiet u riżultati mistennija matul it-tlett snin li ġejjin (2016/2018)

| Għanijiet | Riżultati Mistennija |
|---|---|
| Re-Surfacing ta' Toroq | Ser jingħata aktar t-tarmak f'diversi toroq oħra fosthom Triq Zakkarija, Triq it-Torri Tingi u San Indrija min naha tal-Ministeru għal Għawdex wara li sar xogħol mill-WSC. |
| Upgrading | Il-Kunsill għandu l-ħsieb li jsir embellishment tal-Pjazza San Gwann Battista. Din l-embellishment ser tigi applikata taht applikazzjoni tal-EU. Ser jitkompla ukoll il-ftit xogħol li jonqos fuq il-latrina pubblika li hemm fi Pjazza San Ġwann Battista. Il-Kunsill għandu ukoll l-ħsieb li bl-għajnuna tal-Ministeru għal Għawdex jerga jinbena t-Torri ta' Giourgion u titranga l-Mitħna. |
| Non Urban Area | Il-Kunsill jixtieq ukoll li jagħti mportanza lit-toroq u l-ambjent fiz-zoni mhux urbani. Dawn għandhom jkunu aċċessibbli biex jitgawdew mir-residenti. |

## 3.3 Strateġiji

Għas-snin 2016/2018, l-istrateġiji tal-Kunsill huma :-

- ikompli jeduka u jinforma lir-residenti bl-inizzjattivi li jieħu l-Kunsill
- jara li jkollu l-aħjar servizzi bl-irħas prezz possibbli minn għand il-Kuntratturi kollha
- jinkoraġixxi djalogi u teamwork bejn kumitati u organizzazjonijiet li qegħdin fl-istess raħal

## 4.1 Organizazzjoni

L-organizazzjoni tal-Kunsill hija mwaqqfa mill-Kunsill innifsu, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Assistent Prinċipal, mill-ħaddiema ta' l-iskema ta' 'ex WSC' u mill-Contracts Manager.




Is-Segretarju Eżekuttiv huwa involut fix-xogħol Amministrattiv kollu tal-Kunsill. Flimkien ma' l-Asst. Prinċipal u l-iskrivana (mill-iskema ta' ex WSC) huwa jilqa' ukoll l-ilmenti u s-suġġerimenti li jkollhom ir-residenti.

## 4.2 Attivitajiet Ġenerali

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija huwa ffurmat minn ħames membri, is-Sindku, Viċi Sindku u tliet Kunsilliera. Ilkoll flimkien dejjem naħdmu għall-ġid tar-raħal tax-Xewkija. Bħal kull Kunsill Lokali ieħor il-Kunsill Lokali tax-Xewkija għandu il-funzjonijiet tiegħu x'jaqdi. Ħafna mix-xogħol isir permezz tal-Kuntratti li għandu mad-Dipartimenti tal-Gvern, mal-Koperattivi u anke ma' kuntratturi privati.

Il-Kunsill huwa impenjat jara li jieħu s-servizz ta' dak li jkun qed iħallas għalih. Fil-fatt il-Kunsill ġieli ħa l-passi meħtieġa biex ix-xogħol isir skond l-ispeċifikazzjonijiet li jkun hemm fil-kuntratt. Minbarra ix-xogħlijiet li jsiru permezz ta' dawn il-Kuntratti, l-Kunsill għamel ukoll diversi proġetti mportanti għar-raħal tax-Xewkija. Il-Kunsill jieħu ħsieb ukoll li jorganizza attivitajiet kulturali. Ta' kull sena qed jiġi mfakkar Jum ix-Xewkija, filwaqt li jsiru diversi attivitajiet matul is-sena fosthom fil-Karnival.

Jiena ċert li r-residenti japprezzaw is-sagrifiċċji li qed jagħmlu l-membri kollha tal-Kunsill li jaħdmu id f'id għal ġid tar-raħal tax-Xewkija.

Ruben Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 5.1 Stima Finanzjarja għal tlett snin

| Nru. tal-Kont | Deskrizzjoni | ATTWALI 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2018 € | TOTALI 2016-2018 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Dhul** | | | | | |
| 0 | Tal-Gvern | 368,111.00 | 334,501.00 | 337,846.00 | 341,225.00 | 1,013,572.00 |
| 20 | Bye-laws | 8,977.00 | 6,500.00 | 7,050.00 | 7,850.00 | 21,400.00 |
| 90 | Investiment | 175.00 | 150.00 | 150.00 | 150.00 | 625.00 |
| | TOTAL | 377,263.00 | 341,151.00 | 345,046.00 | 349,225.00 | 1,035,597.00 |
| | **Infieq** | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | 73,762.00 | 74,172.00 | 75,017.00 | 76,014.00 | 225,203.00 |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | 189,654.00 | 201,305.00 | 208,855.00 | 214,975.00 | 625,135.00 |
| 7000 | Infieq Kapitali | 78,940.00 | 66,000.00 | 62,000.00 | 60,000.00 | 188,000.00 |
| | TOTAL | 342,356.00 | 341,477.00 | 345,872.00 | 350,989.00 | 1,038,338.00 |
| | **Bilanc/ (Zbilanc)** | 34,907.00 | (326.00) | (826.00) | (1,764.00) | (2,741.00) |

**5.2 NOTI**

a) Dhul - L-Allokazzjoni mill-Gvern Centrali giet ikkalkulata li tizdied b'madwar 1% kull sena.

b) Infieq - Iz-zieda tqasmet bejn Personal Emouluments minhabba zieda fil-pagi li jista jkun hemm, Repair u Upkeep u Contractual Services sabiex tinghata aktar importanza lit-toroq u postijiet pubblici.

c) Infieq Kapitali huwa stmat li jkun bejn Eur 60,000 - Eur 66,000 kull sena. Dawn biex il- Kunsill jaghmel progetti ta titjieb fit-toroq u pjazez tar-rahal.

## 5.3 Stima ta' Dħul għal Tlett Snin

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | ATTWALI 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2018 € | TOTALI 2016-2018 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Dhul | | | | | |
| 0 | Tal-Gvern | | | | | |
| 1 | Annwali | 324,000.00 | 334,501.00 | 337,846.00 | 341,225.00 | 1,013,572.00 |
| 2 | Supplimentari | 44,111.00 | - | - | - | - |
| 3 | EU Projects | - | - | - | - | - |
| 4 | Delegazzjoni Publika/Governattiva | - | - | - | - | - |
| | | 368,111.00 | 334,501.00 | 337,846.00 | 341,225.00 | 1,013,572.00 |
| 20 | Bye-Laws | | | | | |
| 21 | Servizzi komunitarji | 2,840.00 | 2,500.00 | 2,750.00 | 3,200.00 | 8,450.00 |
| 36 | Kontravenzjonijiet | 2,280.00 | 2,000.00 | 2,300.00 | 2,650.00 | 6,950.00 |
| 56 | Ghotjiet Sponsorjali | - | - | - | - | - |
| 66 | Generali | 3,857.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 2,000.00 | 6,000.00 |
| | | 8,977.00 | 6,500.00 | 7,050.00 | 7,850.00 | 21,400.00 |
| 90 | Investiment | | | | | |
| 91 | Interess Bankarju | 175.00 | 150.00 | 150.00 | 150.00 | 625.00 |
| 96 | Sigurtajiet tal-Gvern | - | - | | | |
| | | 175.00 | 150.00 | 150.00 | 150.00 | 625.00 |
| | TOTAL | 377,263.00 | 341,151.00 | 345,046.00 | 349,225.00 | 1,035,597.00 |

## 5.4 Stima ta' Infieq għal Tlett Snin

| Nru. tal-Kont | DESKRIZZJONI | ATTWALI 2015 € | STIMA 2016 € | STIMA 2017 € | STIMA 2018 € | TOTAL 2016-2018 € |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Infieq | | | | | |
| 1000 | Salarji u Pagi | | | | | |
| 1100 | Onorarja tas-Sindku | 7,048.00 | 7,048.00 | 7,048.00 | 7,048.00 | 21,144.00 |
| 1100 | Allowances tal-kunsilliera | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 6,400.00 | 19,200.00 |
| 1200 | Salarji u pagi ta' l-impjegati | 51,705.00 | 52,000.00 | 52,495.00 | 53,042.00 | 157,537.00 |
| 1300 | Bonus | 1,024.92 | 1,024.00 | 1,024.00 | 1,024.00 | 3,072.00 |
| 1400 | Dhul Supplimentari | 2,703.08 | 500.00 | 550.00 | 600.00 | 1,650.00 |
| 1500 | Kontribuzzjonijet ta' Sigurta Socjali | 4,881.00 | 5,200.00 | 5,300.00 | 5,400.00 | 15,900.00 |
| 1600 | 'Allowances' | - | 2,000.00 | 2,200.00 | 2,500.00 | 6,700.00 |
| 1700 | 'Overtime' | - | - | | | - |
| | | 73,762.00 | 74,172.00 | 75,017.00 | 76,014.00 | 225,203.00 |
| 2000 | Manutensjoni u Xogholijiet ohra | | | | | |
| 2100 | Dawl, ilma, telefon,etc. | 5,026.00 | 5,000.00 | 5,200.00 | 5,400.00 | 15,600.00 |
| 2200 | Xiri ta' Materjal (Materials & Supplies) | 2,917.00 | 3,000.00 | 3,200.00 | 3,400.00 | 9,600.00 |
| 2300 | Tiswijiet u manutensjoni | 11,839.00 | 14,000.00 | 15,500.00 | 17,500.00 | 47,000.00 |
| 2400 | Kera | 605.00 | 605.00 | 605.00 | 605.00 | 1,815.00 |
| 2500 | Shubija f'Assocjazzjonijiet Internazzjonali | - | 1,500.00 | 1,500.00 | 1,500.00 | 4,500.00 |
| 2600 | Spejjes ta' l-Ufficcju | 4,525.00 | 4,500.00 | 4,800.00 | 5,000.00 | 14,300.00 |
| 2700 | Trasport | 6,244.00 | 6,000.00 | 6,350.00 | 6,620.00 | 18,970.00 |
| 2800 | Vjaggar/safar | 3,777.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 3,500.00 | 10,500.00 |
| 2900 | Informazzjoni ghall-Publiku | 3,959.00 | 4,000.00 | 4,100.00 | 4,250.00 | 12,350.00 |
| 3000 | Servizzi b' Kuntratt | 91,717.00 | 100,000.00 | 103,400.00 | 105,000.00 | 308,400.00 |
| 3100 | Servizzi Professjonali | 19,196.00 | 19,000.00 | 20,500.00 | 22,000.00 | 61,500.00 |
| 3200 | Tahrig | | | | | |
| 3300 | Ospitalita u servizzi lill-Komunita | 39,586.00 | 40,000.00 | 40,000.00 | 40,000.00 | 120,000.00 |
| 3400 | Spejjes Incidentali | 263.00 | 200.00 | 200.00 | 200.00 | 600.00 |
| | | 189,654.00 | 201,305.00 | 208,855.00 | 214,975.00 | 625,135.00 |
| 7000 | Infieq Kapitali | | | | | |
| 7001 | Xiri ta' propjeta | | | | | |
| 7100 | Bini | | | | | |
| 7200 | Titjib | | | | | |
| 7300 | Makkinarju u Apparat | 2,578.00 | - | 2,000.00 | - | 2,000.00 |
| 7500 | Progetti Specjali | 76,362.00 | 66,000.00 | 60,000.00 | 60,000.00 | 186,000.00 |
| | | 78,940.00 | 66,000.00 | 62,000.00 | 60,000.00 | 188,000.00 |
| | TOTAL | 342,356.00 | 341,477.00 | 345,872.00 | 350,989.00 | 1,038,338.00 |